MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2068/2000/1

**Pasqualino u Maria Dolores konjugi Gech**

**Vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi dahlu f'garanzija mal-Bank of Valletta in forza ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tat-2 ta' Settembru, 1994 u fi skrittura ohra konnessi fejn huma dahlu garanti solidali ma' Philippe u Gillian konjugi Martin u Jean-Michel Gachet ;

Premess illi fl-ahhar xhieda quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-kawza numru 2020/97 GV fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Tirebouchon Limited et, u cioe' ix-xhieda ta' Ray Pace Branch Manager tal-Bank of Valletta ta' Birkirkara fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2000, rrizulta li kienu dahlu ko-garanti l-atturi u l-ko-garanti l-ohrajn, Philip u Jillian Martin kienu gew irrilaxxjati mill-bank permezz ta' ittra datata 15 ta' Settembru 1994 u dan minghajr il-kunsens ta' l-atturi b'mod li a tenur ta' l-artikolu 1960 tal-Kodici Civili din il-garanzija giet reza nulla w inattendibbli ghaliex il-helsien jiswa lill-garanti kollha.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-garanzija maghmula mill-atturi tilfet kull effett in konsegwenza tas-suespost u ghalhekk nulla w inattendibbli

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi

Bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 29 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija irrita u ntempestiva stante illi l-eccezzjoni tan-nullita' tal-garanzija setghet tigi sollevata biss *in limine litis* fil-kawza Citazzjoni numru 2020/97 GV fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Tirabouchon Limited et ", mentri l-atturi ghazlu li jintavolaw din il-kawza wara illi diga' kienu qed igibu l-provi dwar il-meritu ta' din il-kawza u dan igib ir-rinunzja tal-allegazzjoni ta' nullita' tal-garanzija .

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, assolutament ma huwiex minnu illi r-rilaxx tal-ko-garanti l-ohrajn Philip u Jillian Martin sar minghajr il-kunsens ta' l-atturi, li invece kienu ben konsapevoli u konsenzjenti ghall-istess rilaxx kif ahjar jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, wara l-kuntratt de quo l-atturi ghaddew ghal-atti ohra li bihom irrinunzjaw ukoll ghall-allegata nullita' tal-garanzija ghaliex matul il-perijodu kollu li kien qieghed jigi operat il-kont ta' Tirabouchon Limited, l-atturi dejjem sostnew u kkonfermaw illi huma kienu ghadhom garanti ta' l-istess kontijiet favur is-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti jigi rilevat li kien sar verbal a fol 34 li bih l-Avukati tal-partijiet qablu li sabiex tkun tista ssir it-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari jkun mehtieg li ssir referenza ghal provi mressqa fl-atti tac-citazzjoni Nru 2020/97GV. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u f'dina l-kawza ngabu provi principalment fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u fl-istess sens kienu n-noti tal-partijiet. Ghalhekk il-Qorti illum ser tiddeciedi din l-eccezzjoni tal-konvenuti jekk l-atturi kienux konsapevoli u konsenzjenti ghar-rilaxx tal-ko-garanti.

Il-kwistjoni kollha li dina l-Qorti ghalhekk trid tiddeciedi hija jekk l-atturi tawx il-kunsens taghhom ghar-rilaxx tal-garanti l-ohra Philip Roger u Gillian Martin ghall-facilita' bankarja illi l-Bank konvenut kien ta' lis-socjeta' Tirabouchon Ltd. L-atturi qed jikkontendu li tali kunsens qatt ma nghata minnhom ghar-rilaxx tal-ko-garanti l-ohrajn.

**Kontestazzoni**
Artikolu 1960 Kap 16

Skond dana l-artikolu jekk il-kreditur jehles wiehed mill-garanti tieghu minghajr il-kunsens ta' l-ohrajn, dan il-

helsien jiswa lill-garanti l-ohra sas-sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus.

Il-konvenuti qed jissottomettu li *dato ma non concesso* li ma kienx hemm kunsens ghar-rilaxx, skond dan l-artikolu r-rilaxx ghandu jopera biss *sas sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus* cjoe f'dan il-kaz l-atturi kienu jigu rilaxxati biss sa l-ammont li Philip Roger u Gillian Martin kienu qed jiggarantixxu u mhux kif qed jitolbu l-atturi li l-garanzija kollha tigi dikjarata nulla.

L-atturi fil-fatt qed isostnu li l-ko-garanti rilaxxjati kienu qed jiggarantixxu in solidum ma' l-atturi (Dok A, B u C) u la darba kien hemm rilaxx dan sar ghall-ammont kollu tal-garanzija.

**Kunsens**

Izda l-ewwel kwistjoni li dina l-Qorti trid tiddeciedi hija jekk fil-fatt l-atturi tawx il-kunsens taghhom ghar-rilaxx tal-garanti l-ohra Philip Roger u Gillian Martin qabel kull konsiderazzjoni ohra.

L-atturi qed jissottomettu li s-*sanction letter* Dok A fol 88 ghandha tigi interpretata fis-sens li huma ntrabtu mal-bank ghax kienu ko-garanti ma' ohrajn. Huma taw il-kunsens taghhom fuq l-assunt illi dina kienet ser tkun *existing u additional security*. Minn imkien ma jidher li huma taw il-kunsens taghhom ghas-sostituzzjoni tal-garanziji u r-rilaxx ta' xi ohrajn. Mill-qari tad-dokumenti, skond l-atturi, ghandu jirrizulta biss li kien hemm garanziji ezistenti u dawn zdiedu ghax il-facilita' ezistenti zdiedet.

Il-konvenuti invece qed jissottomettu li jirrizulta mix-xhieda orali u mid-dokumenti ezibiti li kien hemm kunsens shih ta' l-atturi ghar-rilaxx ta' ko-garanti l-ohra. Huma jsostnu li skond ix-xhud Raymond Pace l-atturi kienu ftehmu mal-Bank biex l-atturi jassumu d-debitu u l-garanziji minflok Philip Roger u Gillian Martin stante li huma kienu akkwistaw l-ishma taghhom. Mis-*sanction letter* Dok A taht *security required* huwa car li tnehhew kompletament Roger u Martin u dahlu l-atturi minflokhom. Huma ma

jaqblux ma' l-atturi li dina kienet *security* addizzjonali imma jsostnu li kien hemm sostituzzjoni. Is-*security required* ma kelliex tkun addizzjonali imma in sostituzzjoni ta' *security held*.

**Tikkunsdira**

Charles Mifsud, impjegat tal-bank konvenut, fir-Recovery Department ikkonferma li Roger u Martin kienu gew rilaxxjati. Fis-*sanction letter* hemm is-*security* li kellha tigi *released* u s-*security* li talbu. A bazi ta' dina s-*sanction letter* Dok A imbaghad saru il-kuntratti tat-2 ta' Settembru, 1994 Dok B u C fejn hemm is-*security* gdida ta' l-atturi u l-garantors Roger u Martin gew rilaxxjati. Is-*sanction letter* kienet saret quddiem l-atturi u kienu ffirmawh il-konjugi Grech. Kienu saru l-*loan* u *overdraft facilities* imbaghad saru il-*cancellations* Dok D fol 100.

Skond ix-xhud Raymond Pace, Manager tal-bank konvenut, l-atturi kienu ftehmu mal-bank li huma kellhom jassumu d-debiti u l-garanziji minflok Roger u Martin u dana stante li huma kienu akkwistaw l-ishma taghhom.

Dan hu konfermat minn Nutar Pierre Cassar li xehed li kien sar kuntratt ta' *loan* u *overdraft* lil Tirebouchon. L-atturi kienu a konoxxenza ta' dan l-*loan* u *overdraft* u kienu hadu *over* il-*liability* tal-bank fost affarijiet ohrajn. Huma kienu a konoxxjenza tad-dejn li kellha l-kumpanija u li kellu jdur fuqhom (ara dokumenti a fol 78 a tergo).

Id-dokumenti li ezebixxa n-Nutar juru li kienu saru diversi skritturi bejn Lulju u Settembru 1994 fosthom is-*share transfer* fid-29 ta' Lulju,1994 minn Martin favur Grech u fl-istess *share transfer* fil-klawzoli 4 u 5 hemm imnizzel li l-vendituri kienu jafu bid-dejn li kien hemm u li l-vendituri kellhom jigu rilaxxjati mill-garanziji li kellhom mal-bank (ara fol 78 u 78 a tergo). Ghalhekk l-atturi ma jistghux jghidu li ma kienux jafu li meta l-ishma jduru fuqhom huma kellhom jassumu d-debitu u Roger u Martin jigu rilaxxjati.

Inoltre l-kuntratti li saru fit-2 ta' Settembru, 1994 saru a bazi tas-*sanction letter* mibghuta lill-atturi fit-2 ta' Awissu,

1994 fejn il-bank kien indikalhom is-*security* li kellu, u s-*security* li ried. Is-*security* li ried ma kinitx ser tinkludi l-garanziji li tawh Roger u Martin billi fis-*sanction letter* items 2, 3 u 4 kienu qed jigu eskluzi u l-atturi kienu jafu u gew infurmati b'dana. Ta' l-atturi ma kinitx ser tkun *security* addizzjonali izda *security* in sostituzzjoni ghal dika ta' Roger u Martin. Kieku kien kif qed jippretendu l-atturi li s-security kienet addizzjonali li kien jigri kien li taht *security required* kienu jitnizzlu is-*securities* kollha indikati fil-kolonna *securities held* u maghhom jizdiedu dawk tal-konjugi Grech. Izda fil-fatt l-items 2, 3 u 4 gew eskluzi espressament bl-artikolu 1 tal-kolonna *security required* tas-*sanction letter* u dawn kienu jirreferu ghal garanzji ta' Roger u Martin li gew rilaxxjati bl-istess artikolu.

Ghahekk it-talba ta' l-atturi ma tistax tintlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talba ta' l-atturi
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------